# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 24/K10/25**

Data tal-laqgħa: 9 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Administration Officer II

Preżenza tal-pubbliku – (2)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

24.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tkun skużata għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**24.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 23/K10/25.

24.2.02 Dwar il-punt 23.7.04 il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ġibed l-attenzjoni li l-kelma 'recyling' mhux miktuba tajba filwaqt li għandha tiżdied li l-kunsilliera li vvutaw kontra, għamlu hekk għax jaħsbu li dawn il-ħwejjeġ jiġu esportati u jinbiegħu barra minn Malta bi qliegħ, meta hawn Malta għandha organizzazzjonijiet li jistgħu jibbenefikaw minnhom.

24.2.03 Il-Kunsillier Patricia Camilleri nfurmat lill-Kunsill li mal-punt 23.8.04 għandha tiżdied 'The Malta Trust Foundation'.

24.2.04 Il-Kunsillier David Caruana, dwar il-punt 23.7.03.01 nforma li għandhom jiżdiedu it-toroq li l-Kunsill irċieva t-talba b'emails. Fir-rigward il-punt 23.8.03 dwar it-tender tas-soft areas, l-Kunsillier Caruana talab li għandha tiżdied li hu talab d-dokumenti tal-Financial Analysis.

24.2.05 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci wasal fil-5.23pm.

24.2.06 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

24.2.07 Il-Kunsillier Victor Vella ssekonda.

24.2.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**24.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

24.3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. sa' u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

24.3.02 Il-Kunsillier David Caruana ġibed l-attenzjoni fuq l-kont tal-GO peress li qed jarah għoli. Iċ-Ċermen informah li sa' laqgħa oħra ser ikollu l-informazzjoni fuqu.

24.3.03 Il-Kunsillier David Caruana oġġezzjona għal pagament ta' Natasha Deguara minħabba li l-kuntrattur kellu jibagħat il-

*workplan* mal-kont. Iċ-Ċermen spjega li l-ewwel workplan għandu jkun mehmuż mal-kont ta' Diċembru u wara l-Kunsilliera jkollhom id-dritt jarawh. Il-Kunsillier Mario Amaira għamel punt ukoll li dawn il-*workplans* għandhom isiru minn kull kuntrattur fejn hu possibbli.

24.3.03 Wara diskussjoni, l-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

24.3.04 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci ssekonda

24.3.05 Il-Kunsillier David Caruana astjena minħabba raġuni li ngħatat fil-punt 24.3.02.

24.3.06 Għalhekk l-pagamenti ġew approvati.

24.3.07 Dwar il-Purchase Request Sheets, l-Kunsill qabel unanimament.

**24.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

24.4.01 Il-Kunsillier Carlo Mifsud wasal fil-5.43p.m.

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

24.4.02 Fir-rigward l-MOU dwar il-knis tat-toroq, c-Ċermen nforma lill-Kunsill, li ntbagħtet ittra ta' terminu tat-tiġdid tal-kuntratt mal-kuntrattur preċedenti (Galea Cleaning Solutions) sabiex jiġi terminat is-servizz tiegħu. Hu nforma ukoll lill-Cleansing Maintenance Division ser jibda s-servizz tiegħu fil-15 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill qabel unanimament mal-MOU kif ġie rranġat kif kien mitlub mill-Kunsilliera (Ara appendiċi Ċ).

24.4.02 Dwar l-*questionaire* ili ntbagħat lir-residenti ta' Triq Patrick Brydone u Sqaq is-Siġra, c-Ċermen nforma lill-Kunsill li r-residenti għandhom sal-15 ta' Diċembru 2025 biex jibgħatu r-risposti tagħhom.

24.4.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li fuq il-Ġnien Spinola, il-Kunsill għamel kuntatt ma Project Green u nqrat l-ittra li ntbagħatet lill Project Green. Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta dwar din l-ittra. Il-Kunsillier David Caruana u l-Viċi-Sindku Sean Gauci fakkru li kienu talbu biex jiżdied *dog bin* fil-Ġnien Spinola. Il-Kunsillier Carlo Mifsud qajjem l-argument li hu jħoss li l-Ġnien għandu jsir skond il-pjanta oriġinali li diġà hemm permess għalih biex jibda x-xogħol. Wara diskussjoni fit-tul, ittieħed vot fejn l-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk għandux jikteb lill-Project Green biex juri x-xewqa tiegħu li l-ġnien isir skond il-pjanta

li ġiet approvata mill-Awtorità tal-Ippjanar però fl-istess ħin jiġi rranġat temporanjament.
Il-Kunsilliera Mario Amaira, Carlo Mifsud, Victor Vella, Patricia Camilleri u c-Ċermen kienu favur li jsir il-proġett kif inhu approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar, il-Kunsillier David Caruana vvota kontra filwaqt li l-Viċi Sindku Sean Gauci u l-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando astjenew. Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando issuġġerixxa li jekk jiġi deċiż li l-proġett issir bil-pjanta li diġà hemm approvata mill-Awtorità tal-Ippjanar, għandha nagħmlu laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti dwar Ġnien Spinola.

24.4.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm attendenza tajba għat-tilqim tal-influwenza u pnewmonja.

24.4.05 Fir-rigward il-parking ta' Triq Spinola, ċ-Ċermen nforma li linji tal-parking spaces reġgħu ġew magħmula wara li ċċekkja mal-kuntrattur jekk il-liġi tippermettix. Hu ġibed l-attenzjoni li rċieva ilment mill-Cavallieri Hotel minħabba li l-bowser u trakkijiet oħra qed isibu diffikultà biex jgħaddu min dak l-ispazju. Ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lil Cavallieri Hotel biex tiġi spjegata s-sitwazzjoni.

24.4.06 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li l-attività tal-Palio saret u kienet ta suċċess ukoll.

24.4.07 Iċ-Ċermen informa wkoll li r-rappreżentanti minn Ghana ma ġewx minħabba kwistjoni ta' visa.

24.4.09 Dwar Ġnien Saver Zarb qed nistennew ċertifikati mingħand ic-CRPD u l-applikazzjoni tad-dawl għandha ssir wara li jiġi ċċertifikat kollox mill-Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dwar il-proċess tat-tender tal-bandli ta' ħdejn il-Ġnien Saver Zarb.

24.4.10 Dwar il-bramel tal-hornets, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn nxtraw u ser jitwaħħlu fil-ġimgħat li ġejjien.

24.4.11 Ic-Ċermen informa lill-Kunsilliera dwar l-iskema tal-LESA fir-rigward ic-CCTV Cameras. Il-Kunsill talab għal estensjoni, madanakollu ġie deċiż li għandu japplika flimkien mar-Regjun Lvant sabiex il-Kunsill jieħu l-ammont sħiħ ta fondi kollha mill-UIF.

24.4.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-bin tal-ħwejjeġ saret fi Triq il-Baltiku.

24.4.13 Dwar ix-xogħolijiet fit-toroq ġewwa Paceville, l-Kunsill gie nfurmat li għandu jibda l-aħħar xogħol ta' trenching tal-Enemalta u sa qabel is-sajf hu ppjanat li jsir l-asfalt fit-toroq kollha ta' Paceville.

Sadanitant ser jibdew x-xogħolijiet ta drenaġġ fi Triq Ivo Muscat u Triq il-Kbira. Dawn ser jibdew wara l-festi.

***24.5 Attivitajiet għax-xahar ta' Diċembru;***

24.5.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li għandha ssir laqgħa mal-Kumitat tal-attivitajiet.

24.5.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera wkoll dwar l-attività li saret flimkien mal-Odeysey u kienet ta suċċess filwaqt li waqt ix-xahar ta Diċembru ser issiru:

- 13 ta' Diċembru ser issir Milied f'San Giljan fi Triq San Ġorġ;
- 16 ta' Diċembru 2025 ser isir Coffee Morning;
- 29 ta' Diċembru 2025 ser isir ġurnata Ghawdex;

24.5.03 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando nforma lill-Kunsill li għamel kuntatt ma' Mercury u aċċettaw li jisponserjaw ftit rigali. Ġie deċiż unanimament li dawn ir-rigali jinqasmu bejn diversi entitajiet.

***24.6 Performance Appraisal ghas-sena 2025;***

24.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal-attenzjoni tal-Kunsill l-performance appraisals tal-ħaddiema, tal-aġent Segretarju Eżekuttiv kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv.

24.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament li jingħataw dawn il-performance appraisals hekk kif ġie mressaq.

***24.7 Talbiet żgħar:***

**24.07.01 Talba mingħand il-Grupp tal-Ħbiberija rigward il-Harga tal-Milied;**

24.07.01.01 Fir-rigward it-talba mingħand il-Grupp tal-Ħbiberija l-Kunsill qabel unanimament li din it-talba tiġi aċċettata.

**24.07.02 Xiri ta' kotba ta' Karamellu tar-Rahal t'Isfel: Is-Sitt Ktieb**

24.07.02.01 Dwar l-email għax-xiri tal-ktieb Karamellu tar-raħal t'isfel ġie deċiż unanimament li jinxtraw 6 kopji tal-ktieb għal-iskola Primarja ta' San Giljan u 6 kopji tal-ktieb għal iskola tas-Sacred Heart.

**24.07.03 Korrispondenza fir-rigward Blossom Project**

24.07.03.01 Ic-Ċermen nforma dwar dawn il-korrispondenza u l-Kunsilliera Patricia Camilleri tat spjegazzjoni dwar din l-email. Infurmat li l-

President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca lesta li tagħmel laqgħa mal-Kunsill u ġie deċiż li din il-laqgħa ssir.

**24.07.04 Proposta għal sessjonijiet dwar is-sahha mentali**

24.07.04.01 Ic-Ċermen ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill proposta għal sessjonijiet dwar is-saħħa mentali. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir.

**24.07.05 Talba dwar attivitajiet ma Komunità Taljana**

24.07.05.01 Fir-rigward l-email dwar l-attivitajiet ma Komunità Taljana biex jsiru xi attivitajiet fosthom lezzjonijiet ta' tagħlim tal-malti, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u c-Ċermen għandu jiltaqa' mal-persuna konċernata biex jiġi deċiż x'jista' jsir.

**24.07.06 Email dwar Twinning ma' Georgia**

24.07.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li twinning ma jistax jsir minħabba li l-Kunsill diġà għandu twinning oħrajn madanakollu ġie deċiż li l-Kunsill lest jorganizza attivitajiet kulturali magħhom. Ġie deċiż li għandu jsir laqgħa mal-persuna kkonċernata.

**24.07.07 Email mingħand ir-Regjun Lvant dwar l-attivitajiet ta' 11 u 12 ta' Diċembru 2025.**

24.07.07.01 Il-Kunsilliera ġew nfurmati dwar l-attivitajiet li ser jiġu organizzati mir-Regjun Lvant fil-Kappella tal-Kunċizzjoni nhar il-Ħamis 11 u l-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2025.

**24.7.08 Siġar tal palm**

24.7.08.01 Ġie deċiż li dwar din l-email, il-kunsilliera għandhom iressqu l proposti tagħhom.

**24.8 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

24.0.8.01 Dwar il-Ġnien ta' Giorni, il-Kunsillier David Caruana nforma lill-Kunsill li r-residenti jixtiequ li l-Kunsill Lokali ma jkunx parti mill-kawża li għaddejja. Il-Kunsill stieden lir-residenti li jekk jibdlu d-deċiżjoni tagħhom, jżommu lil-Kunsill infurmat.

24.08.02 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet lill-Kunsillier David Caruana li:

- Henry Calleja – id-dawl min-naħa tal-Enemalta nxtel filwaqt li d-dawl ma tal-hajt ġie rappurtat;
- Dawl ta' Paceville – Il-Kunsill bagħat risposta fuq id-dwal kollha;

- Dawl fi Triq Andre Marious – nħarġet l-Purchase Order u ser jeħlu 2 bozoz ġodda;
- Dog Beach – qed nistennew mingħand id-Dipartiment ikkonċernat;
- Tender tas-Soft areas – Il-Kunsill qed jistenna li l-kuntrattur ser jibda jibgħat il-Work Plan mal-Invoices;
- Ta' Ġiorni Housing – Ntbagħtet email lill-Perit konċernat;
- Ġnien f'Ta' Ġiorni – Ġiet diskussa aktar qabel;
- L-Minuti ta' Paceville Town Centre – Il-Kunsill ġie nfurmat mis-Sindku li dan ilu ma jiltaqa' għax għadu ma hux konfermat l-Kumitat il-ġdid;
- Spinola Garden – Ġiet diskussa aktar qabel;
- Ġnien Saver Zarb – Ġiet diskussa aktar qabel;
- CCTV – Ġiet diskussa aktar qabel.

24.08.03 Fir-rigward l-email mingħand il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ċ-Ċermen nfurmah li:

- MOU – Din il-materja ġiet diskussa aktar qabel;
- Bye laws – l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali filwaqt l-Assoċjazzjoni tar-restaurant hi kontra l-bye-law tal-Ash trays;
- Richmond – Il-Kunsill qed jistenna risposta mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali;
- Laqgħa mas-Sajjieda – Ġie nfurmat li din il-laqgħa ser issir f'Jannar jew Frar;
- Area Meetings – Ġie nfurmat li dawn il-laqgħat ser isiru f'Jannar jew Frar;
- Christmas Activity – Din il-materja ġie diskussa aktar qabel.

**24.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

24.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Tlieta 20 ta' Jannar 2025 fl-5.00p.m.

24.9.02 Iċ-Ċermen awgura l-Milied it-Tajjeb u s-sena t-tajba lir-residenti u lill-Kunsilliera kollha.

24.9.03 Il-laqgħa ntemmet 20.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 20 ta' Jannar 2026**